**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 342/97

Victor Pace

vs

Ic-Chairman Korporazzjoni Enemalta

Illum 5 ta' Marzu, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta:

Illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' Jannar 1995, huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax grad xieraq ghax-xoghol u responsabilita' li ghandu fuq ix-xoghol, u l-anqas ma thallas 'allowance' xieraq bhala kumpens.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

1. Beda jahdem ma' l-Enemalta bhala 'bowser driver' fil-5 ta' Novembru 1979.

2. Ilu jbati mill-anqas mill-1991 meta kienu ssospendewh mix-xoghol ghal zmien twil ghaliex qalu li kellhom rapport li hu qassam xi fuel lil xi station meta ma kienx awtorizzat. Il-puluzija, minkejja mitluba mill-Enemalta, ma haditx passi kontrih. Tant ma kienx hemm provi li l-anqas l-Enemalta stess ma akkuzatu, u kien biss fl-1993 li tawh 'charge' u sabuh hati biss li hareg mill-istallazzjoni bil-bowser, fil-hin tax-xoghol, minghajr permess. (Dokument 1).

Tul il-perjodu hu kien sospiz, kien jikteb lill-Enemalta permezz ta' l-avukat tieghu u jichad l-allegazzjonijiet li kienu saru fuqu.

3. Wara li ghamel hafna gimghat sospiz, u rritorna x-xoghol (fl-1991), wettqu ingustizzja ohra mieghu meta l-bowser li kien isuq hu inghata lil iehor tal-qalba. Bl-assistenza ta' certu Joe Spiteri - li kien jassisti lix-shop steward tal-GWU - rnexxilu jidhol jaghmel xoghol klerikali fl-ufficju fejn kien jahdem, jigifieri fid-Dispatch Office. F'Awissu 1993, l-Enemalta kkonfermat li kien ilu sentejn jaghmel xoghol klerikali u appuntatu Clerk 1 b'effett mit-28 ta' Lulju 1993. (Doument 2).

4. Fid-Dispatch Office kien jahdem taht is-Sur Max Farrugia, Clerk IV. Wara ftit is-Sur Farrugia nghata xoghol iehor u l-Ufficju beda jitmexxa minn Miss Antoinette Zahra. Din ukoll kellha l-grad ta' Clerk IV.

Wara xi 15 il-xahar jassisti lil Miss Zahra, kien baghat ghalih il-Manager tal-Petroleum Division ta' l-Enemalta, is-Sur Alfred Mallia, u qallu biex id-Dispatch Office jibda jmexxih hu. Hu accetta, bil-patt li jinghata promozzjoni li tirrifletti r-responsabilita' l-gdida tieghu.

Huwa mexxa wahdu ghal gimghatejn, ghaliex f'Jannar 1994 intbaghat imexxi l-ufficju s-Sur Frans Zammit. Is-Sur Zammit ma kienx impjegat ta' l-Enemalta, izda kien misluf mit-Telemalta. Hu kellu grad ta' TO II. Billi, kif inghad hawn fuq, il-post tal-persuna li tmexxi d-Dispatch Office hu ta' Clerk IV (jew TO III li hu ikwivalenti), dan inghata allowance ta' Lm60 fix-xahar biex ikollu l-istess salarju ta' Clerk IV/TOIII.

Is-Sur Zammit mexxa l-ufficju (bl-assistenza tar-rikorrent) ghal madwar sena, u f'Jannar 1995 tnehha u r-rikorrent ilu minn dak iz-zmien imexxi d-Dispatch Office wahdu (minghajr assistenza). Huwa ma nghata ebda kumpens u wara li nsista, infurmawh li ser ituh allowance.

Bdew ituh allowance ta' Lm40 minn Ottubru ta' dik is-sena u l-insistenza tieghu li jinghata allowance xieraq li hu kumpatibli mar-responsabilta' ta' xoghol li qed jaghmel, gie injorat. Dan minkejja, kif lest li juri, li l-Management hu sodisfatt hafna bil-mod li qed imexxi. Tant hu hekk li kull meta jitlob li jiehu l-leave dan ma jigix approvat ghaliex kieku m'hemmx minn imexxi l-ufficju.

Addizzjonalment jista' jzid li wara li qabez iz-zmien ta' l-irtirar, talab l-Enemalta li jibqa’ jattendi ghax-xoghol biex ikompli jmexxi dan l-ufficju. Fil-fatt qed iggeddulu z-zmien, s'issa sa Ottubru ta' din is-sena. Izda xorta ghadu jmexxi l-Ufficju wahdu u minghajr assistenza.

5. Zied li ghal xi raguni li hu ma jafx x'inhi, ilu issa bosta xhur ma jircievi dawk l-Lm40 allowance. Dan minkejja li s-superjuri tieghu kellmu lill-Ufficju tal-Pagi ta' l-Enemalta.

6. Finalment semma li fl-1994 gie michud ukoll li joqghod ghall-interview ghal promozzjoni ghal Clerk II, wara li harget 'call for applications'. Hu oggezzjona ghal dan (Dokument 3) u anke kiteb bl-avukat (Dokument 4); izda kien kollu ghal xejn.

Illi hu kien bi hsiebu jressaq xhieda biex isostni l-ilment tieghu; il-lista tax-xhieda tinstab mehmuza. Kien bi hsiebu jissottometti wkoll dokumenti biex jissustanzja t-talba tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedji billi:

jew jinghata l-Grad ta' Clerk IV minn meta beda jmexxi d-Dispatch office wahdu, cioe’ minn Jannar 1995. Dan hu preferut ghaliex is-salarju l-gdid ikun jiswa ghal pensjoni tieghu. L-Enemalta gieli tat promozzjonijiet lill-impjegati taghha fuq bazi

ta' aktar responsabilta, minkejja li ma tkunx harget 'call for applications', u ghalhekk m'ghandux ikun raguni valida ghaliex din tigi michuda;

jew ta' l-anqas jinghata allowance xierqa li tirrifletti d-differenza bejn il-grad tieghu ta' Clerk I, u l-grad tal-post, jigifieri Clerk IV, jigifieri s-somma ta' Lm3,140 sa l-ahhar ta' Gunju 1997, u jibqa' jinghata l-allowance ta' lm108 fix-xahar sakemm jibqa' jmexxi l-ufficju.

Ra l-lista ta' xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li eccpiet:

Illi r-rikorrent inghata l-grad ta' Clerk I mal-Korporazzjoni Enemalta fi 28 ta' Lulju 1993;

Illi skond ir-riforma fis-servizz pubbliku li bdiet issehh minn 1 ta' Jannar 1991 ir-rikorrent ma kienx eligibbli li joqghod ghall-interview ghall-promozzjoni ghal Clerk II wara li harget il-'call for applications' li jirriferi ghaliha r-rikorrent;

Illi skond din ir-riforma kienu biss eligibbli li joqghodu ghall-interview clerks li kienu nghataw il-grad ta' Clerk I fuq sejhiet ghall-applikazzjonijiet li saru qabel id-9 t'Ottubru 1992;

Illi r-rikorrent kien intbaghat mill-Korporazzjoni sabiex jahdem fid-Dispatch Office fil-Petroleum Division tal-Korporazzjoni

f'Jannar ta' 1994 u nghata 'allowance' ta' Lm40 fix-xahar b'sehh minn ta' 1994 bhala kumpens ghar-responsabbiltajiet li kien igorr fil-pozizzjoni gdida tieghu;

Illi filwaqt li huwa veru li ghal xi zmien ir-rikorrent ma kienx qieghed jinghata Lm40 'allowance' din l-allowance inghatatlu kollha bl-arretrati dovuti f'Awissu 1997.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi xehed ir-rikorrent li semma li fid-9 ta' Jannar 1991 kien akkuzat b'incident li qassam petrol li mhux suppost, pero' il-pulizija ma haditx passi kontrih u ma kienx hati ta' dan il-fatt. Wara dan l-incident kienu ssospendewh ghal tlettax il-gimgha. La l-pulizija u lanqas l-Enemalta ma sabu provi biex imexxu xi indagini kontra tieghu. War tawh charge biss fuq li f'Settembru ta' l-1993 kien hareg bil-bouser minghajr permess. Meta dahal lura ghax xoghol avvicinah s-Sur Mark Farrugia li qallu li kellu istruzzjoni biex ma jsuqx aktar il-bowser. Wara hallewh fil-bitha ma jaghmel xejn. Tilef l-overtime ta' meta qabel kien juza il-

bowser. Zied jghid: "Fl-istess zmien li jiena kont nghatajt l-struzzjoni biex ma nibqax nuza il-bowser kien hemm certu Carmelo Mamo li kien bowser driver bhali li ma kellux bowser u lilu inghatalu l-bowser wara. Dan Carmelo Mamo kellu wkoll kulur politiku differenti minn tieghi, huwa kien driver mall-Ministru Ninu Zammit li dak iz-zmien kien Segretarju Parlamentari u nghatalu l-bowser minfloki peress li jiena kont nghatajt dan ic-charge…" Zied li ghamel ix-xoghol ta' clerk I minn 1991, kienu ghaddew erba' snin.

Fid-dispatch office, l-ewwel kien hemm is-sur Max Farrugia li kellu l-grad ta' clerk 4. Warajh kien hemm Ms Antoinette Zahra li kella wkoll il-grad ta' clerk 4. Meta telqet ir-rikorrent hadilha postha u kien qed jaghmel hafna mix-xoghol li kienet taghmel hi, ghalkemm ghall-ewwel kien jassisti lil Ms Zahra ghal hmistax il-xahar u wara rcieva istruzzjonijiet biex ikompli minflokha. Insista li kien accetta bil-patt li jinghata il-grad ta' responsabbiltajiet li kien se jibda jassumi. Dam immexxi wahdu ghal madwar gimghatejn. Wara dan kien ntbaghat certu Francis Zammit li kien misluf mit-Telemalta. Huwa kellu l-grad ta' Technical Officer II. Mentri suppost ikollu l-grad ta' clerk 4 u dam id-dispatch office ghal madwar sena. Wara li telaq dan Francis Zammit baqa' jmmexxi id-dispatch office wahdu. Francis Zammit kien spicca f'Jannar ta' l-1995. Beda jinghata allowance ta' Lm40 fix-xahar u mhux Lm60 kif kien jiehu ta' qablu.

Alfred Mallia Manager tat-Taqsima tal-pitrolju u li ilu jokkupa din il-kariga mill-1984 xehed li jaf lir-rikorrent bhala lorry driver. Wara kien hemm incident. Kien rega' dahal lura ghax-xoghol u ftit wara kien sar clerk 1. Ma kienx baqa isuq il-bowser. Meta dahal lura ghax-xoghol huwa baqa' bl-istess titlu ta' Lorry driver. Ghaldaqstant il-kundizzjonijiet li kienu japplikaw qabel ghal Lorry driver li huma s-sistema ta' l-overtime u l-allowances li kienu jinghataw ma baqghux japplikaw ghalih. Wara intbaghat ma' l-iskrivani. Semma li fit-30 ta' Ottubru 1992 kiteb lill-advisor ta' l-Enemalta dak iz-zmien, fejn qallu li Victor Pace qieghed jahdem fid-distribution section, kien qed jaghmel xoghol above his grade u li kien applika biex jaghmel l-ezami ta' clerk 1 izda ma kienx ikkwalifika.

Eventwalment kien sar clerk 1 b'ittra mic-Chairman datata 25 ta' Awissu 1993. Xorta baqa' jirrakomanda li r-rikorrent jinghata allowance bejn il-paga li kellu u paga ta' grad ghola iktar. Fil-fatt it-talba tieghu ma kinitx giet milqugha izda nghata allowance ta' bejn Clerk 1 u Clerk 2. Fil-fatt imbaghad giet rounded u giet tammonta ghall-allowance ta' Lm500 fis-sena. Fil-fatt hu kien irrakomanda biex jinghata allowance ta' bejn il-paga li kellu u bejn il-paga ta' Technical Officer 3 u dan ghax irrikonoxxa x-xoghol li kien qed jaghmel u ekwivalenti ghal xhiex kien. Ikkalkula dan fuq il-kumpliment li kien hemm diga, li l-impjegati l-ohra, li hu kien qed jaghmel ix-xoghol taghhom. Fosthom kien hemm Max Farrugia u Antoinette Zahra li kienu principals li kienu grad 3 u kien hemm Technical Officer 1 li

kien misluf, u kien qed jiehu allowance bejn TO1 u TO3. Aktar tard ir-rikorrent kien talab li jigi appuntat ghal clerk izda skond ir-riforma ta' dak iz-zmien tal-Gvern ma setax isir Clerk 2. Ma kellux zmien ta' servizz biz-zejjed biex isir clerk 2.

Kenneth Abela officer in charge fil-Loss Control Unit u li ilu f'dan il-grad mill-1992 xehed li jaf li ghall-habta ta' l-1991 r-rikorrent kien qed jaghmel xoghol klerikali. Fuq il-prestazzjoni tax-xoghol tieghu qal li xoghlu kien jaghmlu tajjeb u qatt ma kellu xi jgerger. Semma li jiftakru jahdem fl-ufficcju ma' Max Farrugia. Jaf li l-ewwel wara Antoinette Zahra, kien ha over ir-rikorrent. Wara kien gie Frans Zammit u wara li spicca Frans Zammit kien baqa' jiehu hsieb ir-rikorrent.

Joe Mallia li ilu mill-1991 Assistant Head fl-Administration Section tal-petroleum division xehed li kien hemm perjodu meta dahal hafna fil-kwistjoni tar-rikorrent. Ikkonferma l-kontenut tar-rikors ta' Victor Pace b'eccezzjoni fir-rigward ta' konversazzjoni bejn is-Sur Alfred Mallia u r-rikorrent ghaliex ma jafx biha.

Semma li l-Enemalta kienet avvicinat lil nies li ghandhom xi lment.

Joseph Mangion rapprezentant ta' l-Enemalta semma li fl-1991 ir-rikorrent kien sospiz mix-xoghol mil-11 ta' Jannar sas-27 ta' Marzu. Wara r-rikorrent spicca jaghmel xoghol klerikali fid-dispatch office. Fid-Dispatch office kien hemm is-Sur Max

Farrugia bhala clerk 4. Kien hemm ukoll Antoinette Zahra bl-istess grad ta' clerk 4 u kien hemm ukoll France Zammit li kien Technical Officer.

Ikkonferma li r-rikorrent wara li telaq kulhadd minn dawn beda' jmexxi l-ufficcju. France Zammit kien impjegat mat-Telemalta imma misluf ma' l-Enemalta u kellu grad ta' Technical Officer I. Ir-rikorrent baqa' imexxi wahdu d-Dispatch office sakemm spicca. Hu kien inghata allowance ta' Lm500 fis-sena mill-1 ta' Ottubru 1995.

Ma kienx hemm problemi fir-rigward tat-tmexxija tas-Sur Pace fid-Dispatch office. Lir-rikorrent geddulu z-zmien wara li suppost spicca. Qabel li r-rikorrent kien qed jaghmel xoghol ta' clerk 4.

Zied li f'Awissu jew Settembru tal-1988 l-Enemalta kienet baghatet ghar-rikorrent wara li kien twaqqaf bord biex jinvestigaw l-incident li kien sar. Dan il-bord kienu qalulu biex jibghat ghal xi nies biex ikellmuhom dwar il-kaz ta' ingustizzja li kellhom quddiem it-Tribunal u lir-rikorrent offrewlu ammont ta' flus u r-rikorrent ma accettax.

Zied li: "Mistoqsi jekk bhala impjegat ta' l-Enemalta nistax nghid li tistax tinghata promozzjoni minghajr call for application nghid li tista', peress li kien hemm kazijiet fejn inghatat promozzjoni minghajr application. Mistoqsi jekk l-ammont ta' LM108 fix-xahar tirraprezentax id-differenza tal-paga li kellu

Victor Pace ir-rikorrent bhala Clerk I u l-paga li kellhom Antoinette Zahra u Mark Farrugia Clerk 4 jiena nghid li iva. Dawn it-tnejn kienu liema zewg persuni li Victor Pace kien ha tmexxija minflokhom."

Engineer Philip Borg Assistant Head fil-Petroleum Division xehed li jaf lir-rikorrent bhala xufier tal-bowsers. Ftakar li darba kien hemm xi incident u li meta Pace dahal lura kien dahal fid-Dispatch Office.

Pace kien mar jahdem fid-Dispatch Office u kien qed jahdem ma Max Farrugia. Meta telaq Max Farrugia mid-Dispatch Office kienet giet wahda Antoinette Zahra u wara France Zammit minn Hal-Kirkop. France Zammit kien dam xi sena fid-Dispatch Office. Meta telaq France Zammit imbaghad beda jiehu hsieb is-sezzjoni tad-Dispatch Office Victor Pace. Kien baqa' jmexxi huwa hemmhekk. Ma gie hadd iktar biex jiehu over. Meta kien qed imexxi d-Dispatch Office is-Sur Pace kollox kien miexi sewwa. Ma kienx hemm rapporti kontrih. Meta kien id-Dispatch Office is-Sur Pace deherlu li kien baqa' bil-grad ta' Lorry Driver imbaghad sussegwentement kien inghata l-grad ta' Clerk I u din kienet on a personal basis. Max Farrugia li kien qabel imexxi id-Dispatch Office, kien spicca bil-grad ta' Clerk IV, pero' qabel meta kien qed imexxi mhux dejjem kellu grad ta' Clerk IV. Antonette Zahra kellha ukoll il-grad ta' Clerk IV. France Zammit kellu grad ta' Technical Officer, u kellu allowance ta' madwar Lm60 fix-xahar biex jigi ekwivalenti ghal ohrajn li kellhom il-grad ta' Clerk IV. Is-Sur Victor Pace ma kienx jiehu

allowance ta' l-ebda tip, fil-bidu zgur, pero' li kien gie offrut xi tip ta' allowance li ma kinetx tammonta ghal Lm60. Qal ukoll is-Sur Pace anqas leave ma kien jiehu.

Max Farrugia li fl-1991 kien stazzjonat fid-Dispatch Office xehed li meta mar id-Dispatch Office kien sar Clerk III, izda kellu kaz quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u kien nghata l-grad ta' Clerk IV backdated ghal dak il-perjodu. Kien immexxi l-ufficcju hu u wara xi zmien kienet marret Antoinette Zahra li kienet tmexxi l-ufficcju.

Ikkunsidra li ghalhekk ghalkemm jissemmew diversi incidenti li dwarhom ilmenta r-rikorrent, l-ilmenti tieghu jistghu jingabru taht tlitt aspetti u cioe':

1. Il-fatt li gie sospiz ghal tlettax il-gimgha waqt li kien lorry driver u spicca bin-nofs paga u li meta dahal lura ghall-ewwel saq ghal xi erbat ijiem u wara hadulu l-Bowser u spicca biex tilef diversi allowances oltre li ghadda zmien ma jaghmel xejn kontra l-volonta' tieghu;
2. Li hu mexxa d-Despatch Office mill-1 ta' Frar, 1995 liema xoghol kien jitmexxa minn-nies ta' grad ta' Clerk IV u hu baqa' ma inghatax dan il-grad;
3. Dak li gara wara l-1995.

Dwar l-ilment 1 jinghad li l-posizzjoni ta' kompetenza tat-Tribunal giet spjegata kwantita' ta' drabi u b'mod specjali fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Barbara vs Med Serv Limited et" deciza fl-10 ta' Mejju, 1999, fejn issemma li jrid ikun hemm ilment bil-

miktub, li r-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja, li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att, u li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija fl-artikolu 6 (1) ta' l-Att.

Fl-istess sentenza inghad: "Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatti l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel…

Ghalhekk, salv kif ser jinghad aktar l-isfel f'dan il-paragrafu, terminazzjoni ta' impieg mhux ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal…

Dan l-ilment ghalhekk ma huwiex ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal.  L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta' Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances", fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet  tikkoncerna l-ghoti ta' medalja, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' paga.

Differenti hu l-kaz ta' "Downgrading" li ghalkemm ma jissemmix specifikament dan it-Tribunal qiesu bhal ta' kompetenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet M. Micallef vs Malta Shipbuilding Company Limited deciza fl-4 ta' Marzu 1999 minhabba li dan hu l-oppost ta' promozzjoni."

Ghalhekk jidher car li l-parti tal-ilment tar-rikorrent relattiv ghas-sospensjoni tieghu ma jinkwadrax taht ebda aspett mill-paragrafi (a) sa (d) ta' l-Att VIII tal-1997 u ghalhekk jiddikjara ruhu inkompetenti "ratione materiae".

Dwar it-tielet aspett u cioe' dak li gara wara l-1995 l-artikolu 5 (4) tal-Att jaghmilha cara li l-Att ma japplikax ghal ebda att jew

omissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta’ Mejju, 1987, jew wara l-15 ta’ Mejju, 1995. Ghalhekk taht dan il-part tal-ilment ukoll it-Tribunal jiddikjara ruhu inkompetenti ***ratione temporis.***

Jibqa’ biss t-tieni aspett tal-ilment tar-rikorrent u cioe’ li hu mexxa d-Despatch Office mill-1 ta’ Frar, 1995 liema xoghol kien jitmexxa minn-nies ta’ grad ta’ Clerk IV u hu baqa’ ma inghatax dan il-grad u ghalhekk talab li jinghat l-Grad ta’ Clerk IV minn Frar tal-1995.

Fil-kawza “Mario Vella vs Direttur tal-Edukazzjoni et” deciza fit-2 ta’ Novembru, 2000 it-Tribunal gie deciz li impjegat li ghal zmien twil jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu b’mod efficjenti ghandu d-drittt ghall-promozzjoni jew kumpens finanzjarju skond ic-cirkostanzi tal-kaz. Hu ovvju li r-rikorrent kien qieghed jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu ghax infatti dawk li kienu qed jaghmlu l-istess xoghol kellhom Clerk Grade IV hlief ghal wiehed li kien jinghata allowances li pero` fil-kaz tieghu kien haddiem tat-Telemalta u mhux tal-Enemalta u ghalhekk l-ghoti ta’ promozzjoni kienet tohloq ferm aktar problemi. Irrizulta li r-rikorrent ghamel xogholu b’mod efficjenti u ghal certu durata. Irrizulta wkoll li fil-kaz tal-Enemalta mhix necessarju li biex tinghat promozzjoni hu essenzjali li tohrog call for applications ghax dawn gieli inghataw minghajr tali call. Fic-cirkostanzi tal-kaz it-Tribunal isib li l-ingustizzja tista’ titranga biss billi r-rikorrent jinghata l-grad ta’ Clerk IV b’effett mill-1 ta’ Frar, 1995 naturalment bid-differenza tal-hlas relattiv kif ukoll tal-pensjoni.

Ghal dawn il-motivi fil-waqt li jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat relattivament taht l-ewwel u tielet aspett tal-ilment tar-rikorrent, jichad l-istess eccezzjoni relattivament ghat-tieni aspett. Jilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Clerk IV b'effett mill-1 ta' Frar, 1995 kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra, oltre l-modifiki necessarji ghall-pensjoni.

Spejjez kontra l-intimat.